**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rikors Revoka numru 393/23 GM**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 390/23 fl-ismijiet :**

**Joseph Zammit (KI: 808457M)**

**Satelekomp Elektronics Limited (C 22544)**

**vs**

**Carmelo Farrugia (K.I: 371967M)**

**Eve Farrugia (K.I: 319973M)**

**Deborah Richards (K.I. 397576M)**

**Francis Cassar (K.I. 515465M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors preżentat mis-sekwestrati l-konjuġi Farrugia fit-12 ta' April 2023 għar-revoka ta' mandat ta' sekwestru li nħareġ fit-8 ta' Marzu 2023.

Rat ir-risposta tas-sekwestranti tas-26 ta' Lulju 2023.

Ikkunsidrat:

Is-sekwestranti wieġbu li in segwitu tal-mandat ippreżentaw il-kawża numru 235/23 (pendenti quddiem l-Onor. Imħ. Doreen Clarke) u għalhekk ir-rikors messu sar fl-atti ta' dik il-kawża. Dan a tenur tal-Art.836(1) tal-kodiċi ritwali li jgħid li **"l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors *lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju*, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors *lill-Qorti li tkun qiegħda tittratta dik il-kawża*"** għar-revoka tal-mandat sew għal kollox sew f'parti minnu. Talbu għalhekk lil din il-Qorti tibgħat l-atti quddiem il-Qorti li qiegħdha tisma' l-kawża.

L-intimati wkoll ippreżentaw risposta ferm verbuża, iżda naqsu li jgħidu forsi l-iktar ħaġa essenzjali u ċjoe` d-data li fiha ġiet ippreżentata l-kawża 235/23. Mis-sit elettroniku tal-Qorti jirriżulta li l-kawża 235/23 ġiet ippreżentata fit-8 ta' Marzu 2023, jiġifieri fl-istess jum tal-preżentata tal-mandat. Il-konvenuti ġew notifikati biha fis-27 t'April 2023. Huma ppreżentaw ir-rikors għar-revoka fit-12 t'April 2023 jiġifieri wara li nfetħet il-kawża iżda qabel ma ġew notifikati biha. B'danakollu, l-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-konjuġi Farrugia kienu jafu li kienet infetħet il-kawża; għaliex setgħu faċilment jivverifikaw dan mis-sistema elettronika tal-Qorti. Barra minn hekk m'hemm l-ebda allegazzjoni fir-rikors – li huwa esaġeratament twil – li l-mandat ma kienx għadu fis-seħħ minħabba li ma kinitx ġiet miftuħa l-kawża fit-terminu tal-liġi.

Anke jekk għall-grazzja tal-argument jitqies li r-rikorrenti ma kinux jafu bil-kawża, xorta waħda l-vot tal-liġi ġie sodisfatt għaliex il-leġislatur ma jsemmix il-ħtieġa ta' notifika; kull ma jinħtieġ hu li tkun "saret" il-kawża.

Huwa ċar mill-kliem tal-liġi li l-leġislatur irid illi "ġaladarba jkun hemm qorti li qiegħdha tisma' u tieħu konjizzjoni ta' mertu ta' kawża jekk issir proċedura *ai termini* tal-Art. 836 din għandha ssir fl-atti taċ-ċitazzjoni ta' dik il-kawża u mhux fl-atti tal-mandat".[1]

F'dan il-każ, meta l-leġiżlatur jirreferi għal "qorti" qiegħed jirreferi kemm għal qorti differenti kif ukoll għall-istess qorti ppreseduta minn ġudikant differenti.

Jista' jkun li meta jiġi ppreżentat ir-rikors-revoka l-kawża tkun ġiet appellata – f'liema każ għalkemm il-mandat ikun inħareġ mill-Qorti tal-Prim'Istanza, ir-rikors jinstama' quddiem il-Qorti li tkun qiegħdha titratta tal-kawża jiġifieri l-Qorti tal-Appell – li allura tkun tassew qorti differenti. F'każ bħal dan, meta rikors-revoka ġie ppreżentat quddiem din il-Qorti, diversament ippreseduta, għalkemm is-sentenza tagħha kienet ġiet appellata, korrettement iddikjarat ruħha mhux kompetenti u astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba.[2]

Jista' jkun ukoll – bħal fil-każ preżenti – li r-rikors ikun ġie ppreżentat quddiem l-istess Qorti, iżda ppreseduta minn ġudikant differenti minn dak li jkun qiegħed jisma' l-kawża fil-mertu. F'dan il-każ ukoll, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-imħallef sedenti m'għandux kompetenza li jisma' r-rikors. Skont Art. 789(1) "l-eċċezzjoni ta' nullita` tista' tingħata… (b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti". Is-sanzjoni tan-nullita` hija waħda estrema u għandha tiġi applikata restrittivament. Fil-każ preżenti propjament m'hijiex il-Qorti li mhix kompetenti imma l-imħallef sedenti. Għalhekk l-Art.789(1)(b) ma japplikax. Il-konjuġi Zammit

[1] 'Kashmiri Palace Limited et vs Carmen Taliana' 02.10.2000 - Digriet tal-Prim'Awla, *coram* Onor. Imħ. Albert Magri.
[2] Mario Gatt v Madaleine Mallia 11.02.2019 Prim'Awla tal-Qorti Ċivili *coram* Onor. Imħ. J. Zammit Mckeon.

donnhom jagħrfu din il-qagħda legali tant li ma jinvokawx in-nullita` tar-rikors, imma sempliċiment jitolbu li l-imħallef sedenti jibgħat l-atti lill-Onorevoli Imħallef li qiegħdha tisma' l-kawża fil-mertu.

Għal dawn il-motivi l-Qorti kif issa ppreseduta tilqa' l-eċċezzjoni tas-sekwestranti, tiddikjara li m'għandhiex il-*vires* li tisma' dan il-proċediment kawtelatorju, u tibgħat l-atti lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili sabiex jassenjahom lill-Onorevoli Imħallef Doreen Clarke li qiegħdha tisma' l-kawża prinċipali.

Spejjeż riżervati.

Mogħti kameralment illum 5 ta' Settembru 2023.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA